MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 210/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**

**Vs**

**Joseph Sammut**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Mejju, 1992 u fit-tlett xhur ta' qabel l-istess data, ghamel uzu minn art li qeghda fid-Dwejra, L/O Rabat, minghajr permess tal-Kummissarju tal-Artijiet, u aktar bena hajt fl-istess art minghajr permess.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikolu 17(9) kif emendat bil-kelma mandatorja “shall” (ghandha), u r-referenzi ghall-artikolu 321 aktar ‘il fuq imsemmija, minkejja li lliberat lill-imputat mill-imputazzjoni, minhabba l-kliem tal-Ligi stess xorta ordnat li l-hajt in kwistjoni jkun imwaqqa’ fi zmien tlett (3) xhur u applikat l-artikolu 321(1) flok l-artikolu 17(3) billi mponiet amenda ta’ zewg liri Maltin (LM2) kull jum ghal kemm idum mtella’ l-hajt.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha w tirrevokaha fil-parti li ghandha x’taqsam mal-ordni mpost fuq l-appellant biex inehhi l-hajt in kwistjoni w tikkonfermaha fil-bqija.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti :- li wara li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-akkuza li kellu kontra tieghu, imponiet fuqu l-ordni ta’ tnehhija b’ terminu w emenda fin-nuqqas, meta l-vera raguni ghaliex huwa kellu jigi mehlus mill-akkuza dedotta kontra tieghu ma kelliex tkun biss in-nuqqas ta’ indikazzjoni ta’ meta sehh l-allegat bini tal-hajt, imma ghax ma hemm xejn irregolari fil-bini tal-imsemmi hajt. Illi l-istess rapprezentant tad-Dipartiment, li ttella jixhed fuq ordni tal-istess Qorti, xehed li ma kien hemm xejn irregolari fil-bini tal-hajt imsemmi.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

Illi l-aggravju tal-appellant hu fis-sens biss li l-Ewwel Qorti ma kelliex tordna t-tnehhija tal-hajt in kwistjoni ladarba lliberat lill-appellant mill-htija marbuta mall-bini tal-istess hajt u li tali liberazzjoni jmissha saret ghax ma rrizulta xejn irregolari fl-istess hajt.

Ikkonsidrat ;

Illi ladarba l-istess appellant talab il-konferma tad-decizjoni tal-liberazzjoni tieghu mill-htija, w ghalhekk ma hemmx appell minn din il-parti tas-sentenza, din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu tal-liberazzjoni w l-motivi w raguni ghaliex l-Ewwel Qorti lliberat u tibdel l-istess kif donnu jippretendi li jsir l-appellant.

Ghalhekk l-appell irid jigi cirkoskritt ghall-provvediment tat-twaqqiegh tal-hajt maghmul skond l-artikiolu 321 tal-Kap.10 u xejn aktar.

Huwa fatt li l-Ewwel Qorti, tajjeb jew hazin, iddikjarat fis-sentenza appellata li "*m' hemmx dubju li l-imputat kien qed juza (a) l-art tal-Commisioner of Lands minghajr il-permess mehtieg u (2) li tella hajt minghajr permess."* Una volta li ghamlet din id-dikjarazzjoni, l-Ewwel Qorti, ghalkemm iddecidiet li dan l-agir ma kienx jaqa' fil-parametri ta' zmien indikati fil-komparixxi ossia fil-21 ta' Mejju, 1992 u t-tlitt xhur ta' qabel (injorando ghal kollox l-implikazzjoni tar-reat permanenti li setghu kienu japplikaw ghal dan il-kaz) kienet umbaghad rinfaccjata bid-dispozizzjoni tal-artikolu 17 (9) tal-Kap.10, kif kien gie emendat bl-Att X ta' l-1988, b' effett mis-6 ta' Gunju, 1988 bl-Avviz Legali 52/1988.

Din l-emenda kienet tiddisponi li d-dispozizzjonijiet tas-subartikoli (3) (4) (5) (6) u (8) tal-artikolu 321 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghandhom japplikaw fil-kaz ta' reat taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 17 tal-istess Kodici, <u>anki fejn l-imputat ikun gie liberat mill-akkuza,</u> meta l-Qorti tkun sodisfatta li l-kostruzzjoni jew bini li ghalih tirriferi l-akkuza , kien gie mibni bi ksur tal-istess artikolu 17.

Pero' dan l-artikolu 17, bhal artikoli ohra fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, kien gie abrogat bl-Att I tal-1992 (L-att dwar l-Ippjanar ghall-Izvilupp) li dahal in vigore fis-**17 ta' Jannar, 1992** u cioe' **qabel** ma nharget ic-citazzjoni odjerna f' Gunju, 1992 u qabel iz-zmien tal-allegata kontravvenzjoni kif tidher fil-komparixxi w cioe' : ***"fil-21.5.92 u fit-tlitt xhur ta' qabel l-istess bdata"*** , li allura jirrisalu biss ghat-22 ta' Frar, 1992.

Illi ghahekk, fil-fehma ta' din il-Qorti hawn mhux il-kaz li hu kontemplat fil-paragrafu (ii) tal-proviso tal-artikolu 63 (2) tal-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp) ghaliex ir-reat dedott kontra l-appellant ma kienx reat maghmul kontra xi wahda mid-dispozizzjonjiet imhassara b' dak l-artikolu, ghaliex, kif intqal, fil-komparixxi ir-reat dedott suppost li gie kommess **wara** li dawk id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija kienu diga' gew imhassara bl-Att I tal-1992. Ghalhekk fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, r-reat dedott ma hux u ma jistax jigi kopert bis-*"saving clause*" fuq imsemmija. Altrimenti jkun kontro-sens assolut li ligi penali tigi abrogata u fl-istess hin jigi ritenut li fatti li jissucciedu **wara** li tigi abrogata jibqghu jitqiesu bhala reat taht l-istess ligi li tkun gja giet abrogata. Se mai, tali *saving clause* jista' jkun applikabbli biss ghall-fatti li saru , qabel l-istess ligi tkun giet abrogata u li dwarhom ikunu ghadhom ma nbdewx proceduri penali jew, jekk gja nbdew, ikun ghadhom ma ntemmux.

Lanqas ma jidher li hu l-kaz li jiskattaw il-provvedimenti tal-artikolu 12 tal-Interpretation Act (Kap. 249), li ghandhom l-effett li jzommu *in vigore* ligijiet u regolamenti li jkunu gew imhassra u li jkunu jipprovdu ghal xi penali, konfiska jew piena li wiehed seta' jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra jew kull stharrig, procedimenti legali jew rimedju dwar xi obbligazzjoni, responsabbilta' penali jew piena, ghaliex il-ksur tal-ligi, jekk sar , skond il-komparixxi, sar **wara** li kienet thassret il-ligi li qed tigi invokata.

F' dan il-kaz ladarba l-artikolu 17 tal-Kap.10 kien gja gie revokat, meta allegatament gie kommess ir-reat dedott

kontra l-appellant, ma setax jigi nvokat dan l-artikolu mill-Prosekuzzjoni, imma, se mai, kellhhom jigu nvokati d-dispozizzjonijiet tal-Att I tal-1992. Wisq inqas l-Ewwel Qorti setghet tapplika l-artikolu 17 (9), li kien gja gie abrogat qabel ma sar l-allegat reat, biex tghaddi biex tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 321 tal-Kap. 10 li ghadhom in vigore. Di fatti l-artikolu 321(1) jipprezupponi li biex il-Qorti tghaddi biex tordna t-tnehhija tal-inkonvenjent, irid ikun hemm sejbien ta' htija fl-ewwel lok. Di fatti il-kliem testwali tal-ligi hu: "Il-Qorti…ghandha tordna lill-**hati**…" Biex ikun hemm ordni ghat-tnehhija tal-inkonvenjent bla sejbien ta' htija, dan seta' jsir **biss b'eccezzjoni** skond l-artikolu 17 (9) li kien gja gie revokat qabel ma gie kommess l-allegat reat (dejjem skond il-komparixxi).

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha fejn ordnat li l-hajt in kwistjoni jkun imwaqqa' fi zmien tlitt xhur bl-impozizzjoni ta' penali ta' ammenda ta' zewg liri Maltin (LM2) kull jum ghal kemm idum imtella l-hajt.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------